**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**
**vs**
**Mario Grixti**

**Kumpilazzjoni Numru: 960/13**

**Illum, 12 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Mario Grixti detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 204864M, akkuzat talli f'Settembru 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Patrick k/a Stephan Schaerrer u Maria Schaerrer fil-kapactita' taghhom personal kif ukoll fil-kapacita' taghhom bhala Diretturi tas-Socjeta' Mar Stef & co. Ltd (C-41273), ai termini ta' l-artikoli **293 u 294** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammisjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti qed ssib lill-istess imputat Mario Grixti hati tal-akkuza kollha kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imuptat Mario Grixti r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**